# 1967 - 1974: Il-Kumitat Ċiviku

*Tagħrif meħud mill-ktieb 'Ħad-Dingli r-Raħal li jikber u jieħu r-Ruħ' ta' Patri Alexander Bonnici OFM Conv. - Ippubblikat mill-Kunsill Lokali Dingli*

Sabiex jitqajjem interess akbar fil-bżonnijiet ta' Ħad-Dingli, grupp ta' rġiel u nisa xtaqu jingħaqdu flimkien ħalli lir-raħal tagħhom imexxuh 'il quddiem. Hekk nibtet l-idea ta' Kumitat Ċiviku. Il-Kappillan Caruana laqa' bil-ferħ il-proġett. Xtaqu li l-laqgħat jibdew isiru fl-iskola primarja. Imma d-Direttur tal-Edukazzjoni ma tax il-permess meħtieġ. Intalbet sala mingħand persuna oħra. Imma lanqas din ma tat il-kunsens tagħha. Il-Kappillan ġie mitlub joffri d-*Domus* sakemm jinstab post aħjar. Dun Pawl Caruana offra bil-qalb dak il-lokal. L-ewwel laqgħa ġenerali saret fis-27 ta' Awwissu, 1967. Kien hemm rappreżentanti minn bosta għaqdiet ta' Ħad-Dingli. Dawn kienu: ix-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla, il-Fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju, l-oqsma tas-Subien u l-Bniet tal-Museum, il-Konfrefazzjoni Marjana, il-Leġjun ta' Marija, il-klabb *Dingli,* il-*Malta Playing Field Association,* u l-għaqda tal-Biedja.

Il-Kappillan, dakinhar, raddilhom ħajr talli aċċettaw li jikkoperaw. Ġie magħżul Kumitat. Lill-Kappillan Caruana, offrewlu li jmexxihom bħala president; imma hu ma aċċettax għax kien mgħobbi bid-dmirijiet pastorali. Ġie, imbagħad, magħżul Indri Caruana. Dan kellu jibqa' jservi bħala president sas-sena 1972 meta, minħabba saħħtu, kellu jagħti d-dimissjoni tiegħu. B'dan il-mod, bdiet attività soċjali li serviet ta' ġid għar-raħal. Il-Kumitat Ċiviku ħadem b'mod effiċjenti sakemm Caruana spiċċa minn Kappillan f'Ħad-Dingli: jiġifieri sal-1974. Fil-minuti tal-laqgħat miktubin bid-dettalji minn J.M. Abela bħala segretarju, nosservaw kemm il-Kumitat Ċiviku beda jaħdem biex il-qagħda tar-raħal titjieb. Fil-laqgħa tal-24 ta' Settembru 1967, naraw li riedu jinsistu biex it-trasport pubbliku minn u lejn Ħad-Dingli jkun iżjed frekwenti. Nafu li, sa żmien il-gwerra, mezzi pubbliċi li jaslu sa Ħad-Dingli ma kienx hemm. Bil-mod il-mod, xi mezzi pubbliċi tar-Rabat bdew imorru Ħad-Dingli. Ir-rotta ta' wħud minnhom kienet tkun lejn Ħad-Dingli direttament mill-Belt. Kien għadu żmien li l-mezzi pubbliċi kienu jiddistingwu ruħhom, mhux min-numru tagħhom, imma mil-lewn. Ta' Ħad-Dingli, bħal tar-Rabat, kienu ta' lewn ikħal skur. Imma ma kienx hemm mezzi daqskemm il-poplu xtaq. Kien hemm fil-fatt raġuni partikulari għaliex il-karozzi ma kinux wisq lanqas filgħodu, fil-ħinijiet meta l-ħaddiem jmorru għax-xogħol, 'il barra mir-raħal. Irġiel Dinglin kienu jaħdmu fit-tarzna f'Bormla. Imma x'uħud minn dawn ftiehmu bejniethom li jikru xi kamra fil-qrib, u għalhekk ma kinux jerġgħu lura lejn Ħad-Dingli ħlief fi tmiem il-ġimgħa. Imma, mal-bidu tal-Kumitat Ċiviku, il-Kappillan innifsu qajjem din il-problema tat-trasport.

Fit-tieni laqgħa tkellmu wkoll fuq tiswijiet u asfaltar tat-toroq. Semmew ukoll li raħal ta' 'l fuq minn elfejn ruħ kien mingħajr surġent tal-pulizija. Issemma li xi vit tal-ilma fir-raħal kellu jibqa' għax ma kienx għadu wasal iż-żmien li kull dar ikollha l-provista tagħha. Xi toroq kienu neqsin mid-dawl, għalhekk kien meħtieġ li jsiru lampi iżjed sabiex it-tfal ma jmorrux lura d-dar mill-Museum fid-dlam.

Bħalma jiġri dejjem, xi rikorsi li jsiru ma jintlaqgħux. Hawn irridu nżommu quddiem għajnejna li l-Kumitat Ċiviku ma kienx uffiċjali. Il-membri tiegħu ma kinux jiġu magħżulin mill-poplu. Il-Gvern kien jisma' l-ilmenti u l-proposti tagħhom mingħajr qatt ma kien iħossu obbligat li jagħtihom widen. Mhux biss ma kienx hemm xi somma stabbilita biex tingħata lil dak il-Kumitat, imma l-membri, f'imħabbithom lejn Ħad-Dingli, kienu joħorġu minn buthom. Madankollu, dan kien pass lejn il-Kunsill Lokali li kien se jitwaqqaf b'ordni tal-Gvern, mis-sena 1994 'il quddiem.

Minkejja dan, l-inizjattiva tal-Kumitat Ċiviku ma tistax tiġi skartata. Kien beda jsir il-ġid għal Ħad-Dingli. Fil-laqgħa ġenerali tad-29 ta' Ottubru 1967, jissemma l-ġibjun li hemm f'Ħad-Dingli. Dan ma kienx fi stat tajjeb, b'mod speċjali dwar l-indafa fl-arja tiegħu. Bdew jiġu ttrattati bżonnijiet importanti bħalma kienu d-dranaġġ f'xi nħawi u l-ġbir tal-iskart, li kien jikkaġuna rwejjaħ u dubbien.

Mill-minuti, nieħdu wkoll idea tax-xogħlijiet tal-artiġjanat li kien isir f'Ħad-Dingli. F'esibizzjoni, kien hemm il-bizzilla: jew rakkmu bit-trajbu taċ-ċombini li kien juri xogħol tassew sabiħ bil-ħajt tad-dudu tal-ħarir, maħdum b'abilità minn Karmela Ebejer, u ġie wżat għall-alba ta' Dun Ġwann B. Abela. Fil-bidu tal-1968, kien hemm is-sodisfazzjon li xi inizjattivi tal-Kumitat Ċiviku bdew jintlaqgħu mill-awtoritajiet.

Il-Kumitat Ċiviku beda jagħmel ħiltu biex ma jkunx hemm indħil fil-pulitka. Fil-31 ta' Marzu 1968, ħarġet għall-ewwel darba l-proposta li kien meħtieġ li tinkiteb storja ta' Ħad-Dingli. Ħadd ma kien kuntrarju. Issemmiet ukoll kummissjoni għal dan il-għan. Baqgħet tissemma minn laqgħa għal oħra. Imma l-problema kienet dwar min seta' jidħol għaliha. Kif kellu jinkiteb iżjed tard, kien diffiċli ħafna li jinstab xi ħadd li jikteb sempliċiment xi artiklu ta' storja. Xi ħadd offra ruħu li jidħol għal xi riċerka. Imma, fil-fatt, ma wasal kważi għalxejn. Għal dan kellhom jistennew għaxar snin oħra, meta l-parroċċa kienet sejra tiċċelebra t-tliet mitt sena mill-erezzjoni definittiva tagħha. Hawn, jien għandi s-sodisfazzjoni li bdejt norbot ħidmieti f'dan il-qasam mar-raħal ta' Ħad-Dingli li bdejt u bqajt inħobbu.

Il-bżonnijiet soċjali baqgħu jinqalgħu u jiġu diskussi. Fit-28 ta' April 1968, sar l-ilment dwar il-berġa tar-raħal

li xejn ma kienet sodisfaċenti. It-Tabib P. Portelli, li kien dak distrettwali, bir-raġun, fisser li b'kamra waħda l-berġa ma setgħetx titmexxa tajjeb.

**Innu ta' Ħad-Dingli**

Il-Kumitat Ċiviku, fil-laqgħa tad-19 ta' Ottubru 1969, nieda konkors għal innu Ċiviku ta' Ħad-Dingli. Bħala ġudikanti, tqiegħdu Dun Frans Camilleri, l-Avukat Ġorġ Zammit, u l-Agostinjan P. Albert Borg. L-innu kien se jitressaq taħt nom-de-plume. Sitt persuni ppreżentaw innu wieħed jew izjed. B'kollox tressqu disgħa. L-aħjar innu kien dak li tressaq bin-nom-de-plume *Patrijott*. Fil-fatt, kien inkiteb mill-Kappillan tar-raħal Dun Pawl Caruana.

L-innu rebbieħ kien dan:

*Isma' l-għanja li ħierġa minn qalbna*
*Kollha mħabba u ħeġġa għalik;*
*Ilha s-snin hemm moħbija tistenna*
*Biex tislima ta' merħba tagħtik.*
*Għandu ismek, Ħad-Dingli, mill-beraħ*
*Li jinfirex bejn l-art u s-smewwiet;*
*Ismek xorob is-seħer u l-benna*
*Ta' għelieqi, widien u għoljiet.*
*Ħalli tibqa' din l-għanja għażiża*
*Tidwi safja mal-mixja tas-snin,*
*Biex isaltnu l-imħabba u l-għaqda*
*Għalenija fil-qlub tad-Dinglin.*

L-innu rebbieħ ġie ġġudikat l-aktar wieħed mexxej, li joqgħod għar-regoli tal-metrika u r-rima, u l-izjed wieħed addattat għall-mużika. Fil-fatt, l-innu ġie mmuzikat, u ndaqq għall-ewwel darba fl-1970, mal-banda *Duke of Edinburgh*, nhar Santa Marija b'kant mill-kor tal-parroċċa. Dan il-kor, fil-parroċċa kien ikun taħt id-direzzjoni tal-Kappillan innifsu. Il-Kappillan kien ressaq għall-konkors żewġ innijiet oħra. Innijiet oħrajn kienu nkitbu mis-Salesjan Dun Philip Grech, Dun Louis Camilleri, Ġużè Camilleri, Ġużeppi Farrugia, u Victor Agius. L-innu beda jitkanta għall-festa. Għall-ewwel kien hemm dawk li ma għoġbithomx l-idea li jibda jitkanta innu bil-Malti, minflok bit-Taljan. Imma ma damux ma bdew japprezzawh u bdew jippreferuh għal dak li kien hemm qabel. Kien ikanta mal-banda kor tat-tfal bniet li l-Kappillan Caruana nnifsu kien fforma. Dan il-kor kien jieħu sehem fil-funzjonijiet tal-knisja, u kien jieħu ħsiebu l-kappillan innifsu.



*Dawn ipparteċipaw fil-konkors Innu ta' Ħad-Dingli*




